MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2010

Numru. 683/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**
**VS**
**RENJOS GEORGE FARRUGIA**
**SHAWN CARMENU DOMNIC MALLIA**
**SILLVAN MANGION**
**DAYTON JO CUTAJAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Renjos George Farrugia ta’ 24 sena, iben Joseph u Maria Concetta nee’ Briffa, imwieled fil-Pieta’ fis-7 ta’ April 1986, residenti numru 57, ‘Franjos’, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 170086(M).

Shawn Carmenu Domnic Mallia ta’ 29 sena, iben Victor u Margret nee’ Dorrington, imwieled fil-Canada fit-18 ta’

Lulju, 1981, residenti ‘Erika Court’, Flat 3, Triq il-Mildba, Marsaskala u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 423393(M).

Silvan Mangion ta’ 28 sena, iben Alexander u Carmen nee’ Schembri, imwieled fil-Pieta’ fl-4 ta’ Frar, 1982, residenti numru 5, Triq Dun Guzepp Vella, Qormi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 96582(M).

Dayton Jo Cutajar ta’ 24 sena, iben Joseph u Helen Lucy nee’ Magro, imwieled fil-Pieta’ fit-12 ta’ Mejju 1986, residenti Blk B, Bieb B, Flat 14, Triq Tursin il-Bir, Santa Lucija u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 222386(M).

Illi huma akkuzati talli b’diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’resoluzzjoni wahda u cioe’:

Fit-2 ta’ Lulju 2010 u f’diversi granet matul ix-xhur ta’ qabel din id-data kkommettew serq ta’ diversi prodotti tal-laham mill-istabbiliment tal-kumpanija bl-isem ‘Francis Busuttil & Sons Marketing Ltd.’, sitwat fi Triq Braille St’ Venera, u dan ghad-dannu tad-dirigenti ta’ l-imsemmija kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u bil-persuna u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 18, 261(c)(d), 267, 268 u 279 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat il-valur u bil-persuna u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta’l-imputati;

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni ta' l-imputati wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati **Renjos George Farrugia, Shawn Carmenu Domnic Mallia, Silvan Mangion** u **Dayton Jo Cutajar**, hatja tal-ewwel akkuza, mhux hatja tat-tieni akkuza, stante li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza li minnha tilliberhom u wara li rat l-Artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268 u 279 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta , Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta tqieghed lill-imputati **Renjos George Farrugia, Shawn Carmenu Domnic Mallia, Silvan Mangion** u **Dayton Jo Cutajar taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin (3),** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat;

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija ta' l-imputati , l-eta govanili taghhom u l-fatt illi l-imputati hallsu ghal dak kollu illi nsteraq mis-Socjeta kwerelanti.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------